MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 987/2011

**David XUEREB ezercjenti l-kummerc taht l-isem ta' Compass Property Administration bhala amministratur ta' Begonia Mansions Owners Association**

**vs**

**David KUFLEWICZ**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fit-23 ta' Novembru, 2011 u li permezz taghha l-attur talab il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta' tlett mija disgha u tmenin euro (€389) u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-attur huwa l-amministratur ta' Begonia Mansions Owners Association, li l-konvenut jifforma parti minnha;

Illi l-konvenut naqas milli jhallas il-bilanc tal-pagament dovut minnu bhala membru ta' Begonia Mansions Owners

Association ghal manutenzjoni tal-partijiet komuni ta’ Begonia Mansions, ghas-sena elfejn u hdax, elfejn u tnax (2011/2012) u cioe l-ammont ta’ tlett mija u disgha u tmenin ewro (€389);

Illi nonostante l-fatt li l-konvenut kien interpellat diversi drabi sabiex ihallas huwa baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

GHALDAQSTANT, l-attur qieghed jitlob lil dana it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija u disgha u tmenin Ewro (€389) oltre l-imghax dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunti in subizzjoni”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar is-6 ta’ Gunju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta mizmuma quddiemu nhar is-6 ta’ Gunju, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett mija u disgha u tmenin Ewro (€389), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------